# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 71

**30 ta' Mejju, 2018**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

**Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE**
**Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 71.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**71.1.1** Kulħadd kien preżenti għal laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**71.2.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 71.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti (laqgħa b'urġenza 70);

**71.3.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 71.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

**71.4.1** Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier F Roe ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier L Cachia Castelletti ssekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

### 71.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**71.5.1** Is-Sindku qal li daħħlu diversi rapporti dwar il-periklu fi Triq ix-Xatt Ta' Xbiex wara li t-triq saret *Two Way*. Huwa qal li ġew ordnati ammont ta' tabelli u sinjali mal-art biex jiggwidaw lis-sewwieqa. Il-Kunsillier E Muscat qal li huwa jemmen li l-periklu fit-triq jonqos jekk il-linja l-bajda tan-nofs it-triq bejn l-istabbiliment *IRRERA* u l-funtana issir sħiħa.

**71.5.2**

Is-Sindku Max Zammit tkellem rigward sitwazzjoni viċin tal-*Waterpolo club*

fejn minħabba li nbidel l-immaniġjar tat-traffiku, nies li jridu jagħtu servizz fiż-żona qegħdien isibuha diffiċli u qiegħed ikun hemm sitwazzjonijiet fejn tingħalaq karreġġjata sħiħa.

**71.5.3** Kien hemm diskussjoni u l-kunsill qabel li issir *un/loading bay* quddiem il-W*aterpolo Club.*

## 71.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**71.6.1** Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri.

## 71.7 Jum Ta' Xbiex;

**71.7.1** Is-Sindku Max Zammit qal li avolja mhiex l-iktar soluzzjoni idejali, minħabba l-fatt li d-dipartiment tal-gvern lokali naqqas il-fondi għal attivita' "*Connecting through Culture*" huwa qiegħed jipproponi li din l-attivita' issir fit-tlettax ta' Lulju, ġurnata qabel l-attivita' Connecting through Culture biex jittaffew ftit l-ispejjeż. Huwa qal ukoll li f'din id-data mhux ser ikun hemm logħob tat-tazza tad-dinja.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proponiment tas-Sindku.

## 71.8 Connecting through Culture;

**71.8** Din l-attivita ser tigi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 71.9 Garaxx fi Triq l-Imradd;

**71.9.1** Is-Sindku Max Zammit qal li hemm garaxx disponibli fi Triq l-Imradd fl-istess blokka tal-kunsill u jemmen li dan jista jkun ta ghajnuna kbira. Huwa qal li l-prezz ta da nil-garaxx huwa ta 600 Ewro fis-sena.

Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku

## 71.10 *Tender* tal-Knis;

**71.10.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt tal-knis wasal biex jiskadi u għandhom jiġu diskussi l-ispeċifikazzjonijiet tat-tender il-ġdid.

Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li ġejja.

## 71.11 *Tender* għas-servizz ta' Perit;

**71.11.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt tal-Perit wasal biex jiskadi u għandhom jiġu diskussi l-ispeċifikazzjonijiet tat-*tender* il-ġdid.

Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li ġejja.

## 71.12 Rapport Finanzjarju għal-Perjodu Jannar sa Marzu 2018;

**71.12.1** Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta il-*Quarterly accounts* tal-ewwel kwart tas-sena 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li kien hemm *deficit* baxx imma l-posizzjoni tal-kunsill xorta għada soda ħafna.

**71.12.2** Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier R Portelli u ssekondata mill-Kunsillier E Muscat, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament

## 71.13 *Management Letter* għas-sena 2017;

**71.13.1** Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta il-*Management Letter* li irċieva l-Kunsill mingħand in-*National Audit Office*. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-*Management Letter* hija pożittiva u l-maġġoranza tan-nuqqasijiet jirrigwardjaw l-*Book Keeping*. Huwa qal li r-rapport għadda għand l-*Accountants* tal-Kunsill u ser ikun qiegħed isir sforz biex ċerti żbalji ma jirrepetux ruħhom.

**71.13.2** Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier F Roe u ssekondata mill-Kunsillier L Cachia Castelletti, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

**71.13.3** Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta r-*Reply to Management Letter* li l-kunsill ipprepara biex jirrispondi għar-rapporti tal-Awdituri.

**71.13.4** Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier F Roe u ssekondata mill-Kunsillier L Cachia Castelletti, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 71.14 Iż-żona Testaferrata ġewwa Ta’ Xbiex;

Il-kunsill qabel li din il-materja għandha tiġI esplorata aktar il-quddiem.

## 71.15 Dekasteri;

**71.15.1** Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li ġejja.

## 71.16 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**71.16.1** Ma kienx hemm items oħra ta' xogħol.

## 71.17 Rapporti mill-Kunsilliera;

**71.17.1** Ma kienx hemm rapporti mill-kunsilliera.

## 71.18 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ħamis 26 ta' Lulju, 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**71.18.1** Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.

**Konfermati, illum il-Ħamis 26 ta' Lulju, 2018.**

**_IFFIRMATA______** **_IFFIRMATA________**

**Max Zammit**
**Sindku**

**Clayton Xuereb**
**Segretarju Eżekuttiv**